VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,843, 8 ta' Awwissu, 2017
Taqsima B

A.L. 201 tal-2017

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta, u dan l-ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 497.21.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-5 ta' Ġunju, 2017.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) it-tifsira ta' "Ministru" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Ministru" tfisser il-Prim Ministru"; u

(b) it-tifsira ta' "Segretarju Permanenti" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

3. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem "inkluż il-parteċipazzjoni fuq il-Bord Konsultattiv u fir-rigward tal-istampar ta' dokumenti tar-residenza" għandhom jiġu mħassra.

Jħassar l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali.

4. L-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandu jiġi mħassar u l-artikoli 11 u 12 għandhom jiġu rinumerati bħala l-artikoli 10 u 11 rispettivament.

Jissostitwixxi l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali.

5. L-artikolu 10 tal-ordni prinċipali kif rinumerat għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Bord Konsultattiv.

10. Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija għandu jistabbilixxi Bord Konsultattiv biex jirrevedi l-każijiet ippreżentati lilu għall-approvazzjoni finali u qabel il-ħruġ tal-karta tar-residenza.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda l-artikolu 11 tal-ordni prinċipali.

6. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-ordni prinċipali, kif rinumerat għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Bord Konsultattiv għandu jkun magħmul minn:

(a) il-*Chairman* Eżekuttiv; u

(b) tlett persuni oħra nominati mill-Ministru responsabbli.".